MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 17/2012

**TONY U CETTINA ZAMMIT**

**Vs**

**HALMANN VELLA LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur moghtija fid-19 ta’ Novembru 2012 fejn gie deciz:-

*“It-Tribunal,*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta’ Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta’ tliet mija hamsa u ghoxrin*

*Ewro u centezmu (€325.01), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal irhama tal-wicc ta' vanity unit li xtraw minghand is-socjeta ntimata, liema irhama kienet iddanneggjata.*

*Is-socjeta` ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda gurametntata tas-socjeta` ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:***

*Huma kienu ordnaw irhama tal-wicc tal-vanity unit minghand is-socjeta`ntimata. Meta din l-irhama giet ikkonsenjata lilhom, huma nnotaw illi l-'half round' ma kienx tajjeb u li kien hemm ukoll krakkjatura fil-wicc tal-irhama fin-naha tax-xellug. Ir-rikorrenti kienu gibdu l-attenzjoni tas-socjeta' ntimata, fejn wara li l-istess socjeta` ntimata rat l-irhama, hija baqghet tinsisti illi dan kien rizultat tal-vina tal-irhama. Ir-rikorrenti kienu talbu li l-irhama tigi mibdula jew li jinghataw il-flus lura, pero' s-socjeta`ntimta kienet irrifjutat.*

***Is-socjeta`ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:***

*Preliminarjament l-azzjoni intentata hija irrita u dana stante illi s-socjeta` ntimata ma gietx infurmata bin-nuqqas ta' konformita` bil-miktub permezz ta' ittra registrata jew ufficjali fi zmien xahrejn kif stipulat fl-artikolu 79(1) ta' l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378);*

*Illi fil-mertu f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-'half round', l-irhama giet irrangata minnufih mis-socjeta esponenti b'mod sodisfacenti, hekk kif permess mil-ligi, u ghaldaqstant il-mertu fuq din il-kwistjoni huwa ezawrit u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda;*

*Illi inoltre huwa fatt universalment maghruf u ben stabbilit, anke tramite decizjoni tal-Qrati, illi l-irham huwa materjal naturali illi min-natura tieghu jkollu l-vini izda dan bl-ebda mod ma jisser illi l-irham in kwistjoni huwa maqsum jew difettuz u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri minn issa rizervati.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.*

*Ir-rikorrenti ezebew numru ta' dokumenti, minn fejn jirrizulta l-prezz ta' tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro u centezmu (€325.01) li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghall-irhama in kwistjoni.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.*

*It-Tribunal appunta lil Vincent E. Ciliberti, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilmenti tar-rikorrenti.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qieghed jilqa' l-ewwel tas-socjeta' ntimata u qieghed jilqa' wkoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, liema eccezzjoni rrizultat ampjament car mir-rapport tal-espert tekniku, fejn huwa rrelata illi nonostante l-fatt li l-irhama in kwistjoni kienet giet irrangata mis-socjeta' ntimata minnufih, "kieku kien il-kaz li l-irhama xpakkat fil-hxuna kollha taghha, ossia maqsuma u nkollata kif allegat mir-rikorrenti, l-filling forma ta' salib fuq wara l-irhama kien jestendi anke sax-xifer tal-'half round' – fatt li ma rrizultax mill-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku. Illi ghalhekk, u dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti".*

Minn din is-sentenza appellaw il-konjugi Zammit fi-termini ta’ aggravvju wiehed li huwa imsejjes fuq apprezzament hazin tal-provi maghmula mit-Tribunal u il-motivazzjonijiet li sawwru l-istess decizjoni. Dana ghaliex jishqu illi mir-rapport ta’l-espert tekniku Vincent Ciliberti kellu jirrizulta illi l-irhama tal-*vanity basin* mixtrija minn ghand is-socjeta appellata kienet maqsuma u kwindi kellha difett, kif allegat minnhom. Ghaldaqstant it-talba taghhom kellha tigi milqugha.

Illi bi twegiba ghal dana l-aggravvju is-socjeta appellata tissolleva il-pregudizzjali dwar l-irritwalita ta’l-appell interpost u dana ghaliex l-artikolu 22 ta’l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur ma jaghtix jedd ta’appell fuq il-mertu fejn it-talba ma teccediex l-ammont ta’ €1200. It-talba maghmula mill-appellanti kienet tlahhaq il-valur ta’ €325.01 u dana kif jirrizulta mill-avviz promotur.

Illi fit-trattazzjoni orali ta’ dana l-appell, id-difensur ta’l-appellanti iwiegeb ghal dan il-pregudizzjali billi isostni illi l-valur tat-talba kellu jitqies fil-globalita’ ta’l-oggett akkwistat mill-appellanti u cioe’ il-valur ta’ sett tal-banju kollu u dana billi l-qlugh tal-maduma difettuza ser taffettwa l-oggett kollha li tifforma parti minnu.

Illi din il-Qorti ma tarax illi l-appellanti ghandhom ragun u dana ghaliex huwa stabbilit fil-gurisprudenza illi l-azzjoni hija determinata mit-termini li fihom it-talba hija mfassla. Illi fl-avviz promotur l-appellanti jaghmluha cara illi t-talba minnhom imressqa ‘il quddiem ghal gudizzju tat-Tribunal kienet fil-valur ta’ €325.01 u dana meta isostnu illi dak li gie ordnat minn ghand is-socjeta

appellanti kienet biss l-irhama u mhux sett tal-kamra tal-banju u il-valur ta’ din l-irhama kienet tlahhaq is-somma indikata fl-avviz. Illi inoltre lanqas mill-atti probatorji ma jirrizulta illi l-appellanti kienu ordnaw affarijiet ohra flimkien ma’ din l-irhama jew inkella gew esebieti xi fatturi li jindikaw xi valur li jeccedi l-ammont mitlub, ghajr li jigi imsemmi illi dina l-irhama kienet parti minn *vanity basin,* li l-valur tieghu lanqas gie indikat.

Illi l-artikolu 22 tal-Kapitolu 378 jiddisponi:

“**(2) Appell jista’ jsir fil-każijiet li ġejjin:**

**(a) fuq kull ħaġa li jkollha x’taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew**

**(b) fuq kull kwistjoni ta’ preskrizzjoni; jew**

**(ċ) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta’ ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.**

**(3) Ikun hemm ukoll dritt ta’ appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20(1), jaqbeż l-elf u mitejn euro**.

Premess dan, allura, ma hemmx dubbju illi dina il-pregudizzjali hija wahda fondata billi meta din il-qorti ta’ revizjoni hija rinfaccjata b’aggravvju li huwa cirkoskritt ghall-apprezzament tal-provi fejn l-ammont ma ikunx jeccedi l-€1200, hija prekluza bil-ligi illi tissindika l-operat tat- Tribunal. Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-appell ma jistax jigi ikkunsidrat minn din il-Qorti u ser jigi rigettat.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell qed jigi michud, u is-sentenza tat-Tribunal qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu ta’l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------